

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw ħames motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

— Il-konklużjoni tal-Kummissjoni fis-sens li l-kundizzjonijiet ekonomiċi kienu ssodisfatti fir-rigward tal-awtorizzazzjoni inkwistjoni ta' pproċessar attiv ma tipprovdix ir-raġunament li fuqu kienet ibbażata din il-konklużjoni.

2. It-tieni motiv: żball manifest fl-evalwazzjoni tal-fatti.

— Il-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-awtorizzazzjoni inkwistjoni ta' pproċessar attiv ma hijiex ser ikollha impatt negattiv fuq l-interessi essenzjali tal-produtturi tal-Unjoni hija bbażata fuq żball manifest fl-evalwazzjoni tal-fatti.

3. It-tielet motiv: ksur tal-Artikolu 211(4)(b) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni<sup>(1)</sup> u tar-Regolament bażiku<sup>(2)</sup>.

— Meta kkonkludiet li l-kundizzjonijiet ekonomiċi kienu ssodisfatti fir-rigward tal-awtorizzazzjoni inkwistjoni ta' pproċessar attiv, il-Kummissjoni naqset milli tillimita l-evalwazzjoni tagħha għall-fatturi identifikati fl-Artikolu 211(4)(b) tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u bbażat l-evalwazzjoni tagħha fuq fatturi li jistgħu jitqiesu biss taħt il-proċedura stabbilita fir-Regolament bażiku.

4. Ir-raba' motiv: ksur tal-Artikolu 259(4) tar-Regolament li jimplementa l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u tar-regoli orizzontali dwar l-operat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni.

— Sa fejn il-Kummissjoni ddelegat il-konklużjoni dwar il-kundizzjonijiet ekonomiċi lill-Grupp ta' Esperti Doganali, hija kisret l-Artikolu 259(4) tar-Regolament li jimplementa l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni<sup>(3)</sup> u r-regoli orizzontali tal-Kummissjoni dwar il-ħolqien u l-operat ta' gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni.

5. Il-ħames motiv: ksur tad-drittijiet tad-difiża.

— Billi naqset milli tiżvela ċerta informazzjoni importanti pprovduta fl-applikazzjoni inkwistjoni għal awtorizzazzjoni ta' pproċessar attiv jew sommarji mhux kunfidenzjali tal-informazzjoni b'mod suffiċjentement iddettaljat li jippermettu li jinftiehem b'mod raġonevoli l-kontenut essenzjali tal-informazzjoni ppreżentata b'mod kunfidenzjali, il-Kummissjoni kisret id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti.

<sup>(1)</sup> Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-9 ta' Ottubru 2013, li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2013, L 269, p. 1).

<sup>(2)</sup> Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU 2009, L 343, p. 5).

<sup>(3)</sup> Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447, tal-24 ta' Novembru 2015, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2015, L 343, p. 558).

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Awwissu 2017 – Wall Street Systems UK vs BĊE**

(Kawża T-579/17)

(2017/C 347/62)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Wall Street Systems UK (Londra, Ir-Renju Unit) (rappreżentant: A. Csaki, avukat)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) dwar l-għoti tal-kuntratt lil offerent ieħor fil-forma tad-deċiżjoni fuq appell tas-17 ta' Awwissu 2017, kif ukoll kull deċiżjoni futura marbuta magħha;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka dawn il-motivi.

Ir-rikorrenti qiegħda tikkontesta d-deċiżjoni tal-konvenut dwar l-għoti tal-kuntratt lil offerent ieħor, fil-forma tad-deċiżjoni fuq appell tas-17 ta' Awwissu 2017, filwaqt li titlob l-annullament ta' din id-deċiżjoni kif ukoll kull deċiżjoni futura assoċjata magħha (b'mod partikolari kwalunkwe għoti ta' kuntratt). Id-deċiżjoni msemmija ingħatat bi ksur tad-Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (UE) 2016/245 <sup>(1)</sup> u tad-dritt Ewropew applikabbli, b'mod partikolari bi ksur tal-prinċipji ta' trasparenza, ta' nondiskriminazzjoni u ta' ekonomija.

<sup>(1)</sup> Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (UE) 2016/245, tad-9 ta' Frar 2016, li tistabbilixxi r-regoli dwar l-akkwist (ĠU 2016, L 45, p. 15).

---

### **Rikors ippreżentat fit-28 ta' Awwissu 2017 – Unigroup vs EUIPO – Pronova Laboratories (nailicin)**

**(Kawża T-587/17)**

(2017/C 347/63)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

### **Partijiet**

Rikorrenti: Unigroup ApS (Lyngby, id-Danimarka) (rappreżentant: M. Rijsdijk, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Pronova Laboratories BV (Amsterdam, il-Pajjiżi l-Baxxi)

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Applikant għat-trade mark kontenżjuża: ir-rikorrent

Trade mark kontenżjuża kkonċernata: trade mark verbali tal-Unjoni "nailicin" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 14 096 499/Reġistrazzjoni internazzjonali Nru li tindika l-Unjoni Ewropea/Trade mark tal-Unjoni Nru

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Ġunju 2017 fil-Każ R 2359/2016-5

### **Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tiddikjara li r-Reġistrazzjoni Benelux Nru 894 557 ma hijiex sostnuta u tibgħat lura l-kawża quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni jew quddiem Bord tal-Appell tal-EUIPO;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

### **Motivi invokat**

- Ksur tar-Regola 19 tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 2868/95 li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità.
-